MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru 751/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**MICHAEL SCHEMBRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Michael Schembri ta' 52 sena, iben Salvatore u Mary Anne nee' Caruana, imwieled Ghaxaq, fit-13 ta' Marzu 1952, detentur tal-karta ta' l-identita numru 236552M u joqghod 'Copper Coins' Dawret Hal Ghaxaq, Ghaxaq.

Billi gie akkuzat talli fi Schembri Marble Works showroom f'Dawret Hal Ghaxaq Ghaxaq, fl-14 t'Ottubru 2003 u fiz-

zmien ta' qabel, bhala il-persuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jistgha jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ai termine tal-artikoli 261, 263, 267 u 270 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan gie akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu ta' l-istess Korporazzjoni bi ksur tal-artikolu 326(f) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-qorti giet mitluba li tapplika il-provedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghall-Hlas tal-ispejjez peritali.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.
Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JA3 u li jinsab a fol. 18 tal-Process u nnutat li l-imputat Michael Schembri m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius ghall-Prosekuzzjoni ddikjara li fid-dawl tal-fatt li fis-Seduta tallum ix-xhud Prokuratur Legali Christine Aquilina ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta xehdet illi l-Korporazzjoni Enemalta ma baqalha l-ebda pendenza ma' l-imputat Michael Schembri rigwardanti dan il-kaz u li ghaldaqstant qeghda tirrinunzja minghajr riserva ghall-passi kriminali f'dan il-kaz u in rigward esebiet dokument li gie esebit u mmarkat bhala Dok. CAP1, ghalhekk l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius ghall-Prosekuzzjoni talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat Michael Schembri, kif ukoll talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika ta' din il-kawza sabiex din il-Qorti tapplika l-

provedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghall-Hlas tal-ispejjez peritali.

Il-Qorti tilqa' it-talbiet tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius ghall-Prosekuzzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat Michael Schembri u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika ta' din il-kawza sabiex din il-Qorti tapplika l-provedimenti ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghall-Hlas tal-ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------